# DRAMMI




Nistqarr li f'din il-paġna ftit li xejn ġibt kotba ta' drammi. Mhux kompletament nuqqas tiegħi għaliex għal numru ta' raġunijiet dawn il-kotba huma ftit skarsi f'pajjiżna. Xtqat li qabelxejn iżda nifhmu ftit dan ix-xenarju. L-istil ta' meta wieħed jikteb dramm mhux bħal meta tikteb novella jew rumanz. Il-palk hu kompletament differenti. Mill-banda l-oħra iżda, id-dramm x'aktarx hu aktar intenzjonat għal palk. Il-qarrej ġieli jsib diffikultà biex jifhem u jsegwi l-istorja permezz tal-kitba. Għandna drammi li huma pjaċevoli biex taqrahom imma l-livell mhux dak li mixtieq għal palk. Inutili nibqgħu nqabblu jekk il-kelma hux mirquma daqs dawk klassiċi bħal ngħidu aħna ta' Francis Ebejer; illum iż-żmien inbidel. Naħseb fl-aħħar mill-aħħar irridu ngħidu prosit kbira lil dawk l-awturi li jiktbu drammi u jagħtuna l-opportunità u jibqgħu jagħtu dak in-nifs ġdid lill-palk Malti. Mingħajr il-kitba naturalment mhux se nsegwu drammi ġodda lokali.

Illum u fil-ġimgħat li ġejjin se nippreżentalkom kotba ta' drammi fosthom "Tebut isfar" ta' Clare Azzopardi. Kemm Clare Azzopardi kif ukoll ma' Alfred Buttigieg, li se nkun qed inġib il-ktieb tiegħu illum, qasmu miegħi xi ħsibijiet dwar id-drammi u l-esperjenza tagħhom.

Illum għalhekk se nagħti ħarsa lejn L-Arrest ta' Danny Weed ta' Alfred Buttigieg wara għandna tagħrifa dwar Il-Festival tal-Mediterran.

## L-Arrest ta' Danny Weed

Kelli x-xorti li mmur nara L-Arrest ta' Danny Weed fl-Imsida u l-aktar ħaġa li ssorprendietni hu l-ħila ta' dan id-drammatur li jwassal messaġġ fuq sitwazzjoni mhux daqsant feliċi permezz ta' farsa. Għalkemm mhux indikat f'dan id-dramm, hemm ħafna xebh bejn din l-istorja fittizja ma' dik ta' Daniel Holmes. Nesprimi l-opinjoni tiegħi li s-sitwazzjoni ta' Daniel Holmes kienet waħda surreali, b'sentenza li ħafna ddeskrivew bħala waħda eċċessiva. Xi ħaġa li joħroġ ukoll Buttigieg hu wkoll il-limitazzjonijiet umani, għaliex fl-aħħar mill-aħħar, aħna wkoll suġġetti għall-iżbalji. F'xena partikolari, ngħidu aħna, jippreżentalna l-pulizija jpejpu l-ħaxixa u jistennew il-pizza. Il-protagonist innifsu, Danny Weed, mhux ippreżentat bħala bniedem perfett. Hu ovvjament ukoll għandu n-nuqqasijiet tiegħu u żbalja. Fl-aħħar mill-aħħar, l-awtur altru li ma jiġġustifikax dak li hu ħażin. Anzi, donnu permezz ta' dan id-dramm iwassal messaġġ ċar li m'hemm ħadd li hu 'l fuq mil-liġi. Fid-dramm ma jonqsux ukoll xi ftit battuti ħfief politiċi.

Tkellimt mal-awtur innifsu dwar dan id-dramm u qalli hekk "L-Arrest ta' Danny Weed ittella' f'Marzu li għadda ġewwa l-Blue Box, l-Imsida, b'direzzjoni ta' Michael Fenech. Dan id-dramm kien ibbażat fuq l-arrest ta' Daniel Holmes, żagħżugħ barrani li kien weħel għaxar snin ħabs fuq tkabbir ta' ftit pjanti tal-kannabis għall-użu personali tiegħu. Is-sentenza li ngħata kienet eċċessiva għar-reat li għamel u kien hawn diversi protesti f'Malta biex jinħeles. Għalkemm il-każ tista' tgħid li kien traġiku, l-isfida li kelli hi li dan l-incident indawru f'farsa, li ma kinitx daqshekk faċli. F'moħħi kelli li nikteb farsa intelliġenti li tgħolli r-rispett lejn il-ġeneru farsesk. Jekk irnexxilix, ma nafx imma kelli feedback tajjeb minn xi wħud milli rawh. Ma kellux is-suċċess li xtaqt u rrealizzajt li r-reputazzjoni ħażina tal-farsa ma' udjenzi Maltin ma tibdilhiex mil-lum għal għada."

Alfred Buttigieg qasam ukoll magħna xi ftit ħsibijiet dwar il-kitba tad-drammi u l-esperjenza tiegħu.

"Fl-ewwel drammi full-length tiegħi, Ir-Rewwixta tal-Qassisin u Ippermettili Nitlaq, l-emfażi kienet fuq l-idea, l-ewwel waħda politika u t-tieni waħda aktar ta' natura soċjali. Id-drammi li ktibt wara, Dwar Menopawsi, Minorenni u Muturi High Speed, Mela Hawn xi Manikomju, L-Interrogazzjoni u L-Arrest ta' Danny Weed, żviluppajt ukoll il-karattri individwali ta' kull dramm. Meta nikteb dramm ġdid, nagħti ħafna każ li t-tema tkun b'saħħitha u provokattiva u mibnija fuq idea li nemmen fiha, sew jekk tkun politika, sew soċjali u sew jekk taħlita tat-tnejn. Għalija, importanti li l-udjenza tkun tista' tirrelata max-xogħol billi jkun relevanti għaż-żmien li jkun inkiteb u idealment jibqa' relevanti għal kull żmien. L-element ta' divertiment u umoriżmu hu importanti u anke fix-xogħlijiet serji tiegħi daħħaltu. Id-daħk tista' tuzah b'ħafna modi. Eżempju, f'Ippermettili Nitlaq daħħalt il-karattru tal-fattiga biex inkisser il-melodrammatiċità li jien dejjem ħassejt artifiċjali. Fil-fatt, hemm teżi ta' Stephanie Rodgers preċiżament dwar l-umoriżmu fid-drammi tiegħi.

Normalment nagħmel xhur nhewden fuq idea li tkun ġietni għal dramm. Imbagħad nasal f'punt fejn nħoss il-bżonn li nibda nikteb. Min jaħseb li hija faċli tikteb jew tikteb dramm qed jiżbalja, għax il-kitba titlob aktar xogħol iebes milli ispirazzjoni. Togħġobni l-kwotazzjoni li tgħid l-kreattività hija 10 fil-mija ispirazzjoni u 90 fil-mija għaraq u xogħol iebes.

Nipprova li kull xogħol li nikteb irid iħalli marka u għalhekk nipprova ma nirrepetix ruħi. Għalkemm ix-xogħlijiet tiegħi għandhom temi komuni bħall-frugħa tal-ħajja, essenzjalment huma differenti minn xulxin.

Dramm joħodli madwar erba' snin minn meta tkun ġiet imnebbħa l-idea sakemm jittella' fuq il-palk. L-aktar diffiċli hija l-ewwel verżjoni. Ladarba tkun lesta, nagħmel ruxxmata tibdiliet li ġieli laħqu mat-tletin verżjoni sakemm inkun sodisfatt. L-aħħar żewġ drammi nqraw ma' udjenza żgħira li kienu ta' għajnuna kbira għalija għax indunajt b'xi difetti li stajt nirranġa. L-aktar dramm li kiddni biex lestejtu kien L-Interrogazzjoni u elf darba kont se nabbandunah għax kont se naqta' qalbi li qatt inlestih."

Waqt li nawguraw lil Alfred Buttigieg sabiex jikteb u jtella' aktar drammi, nissuġġerilkom ħafna li takkwistaw dan il-ktieb u tappoġġjaw il-palk Malti.

Dan hu ktieb qasir (74 faċċata) li jekk jirnexxilkom takkwistawh, għandkom garanzija ta' daħk. Jista' jinkiseb mis-sit tal-Klabb Kotba Maltin jew mill-ħwienet ewlenin.